Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għall-Għoti ta' Korsijiet fil-Letteratura Maltija u l-Kritika Letterarja għal Studenti tal-10 Sena

Espressjoni ta' Interess (Rif. 26/225-2)

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden individwi kwalifikati, **inkluż persuni rtirati**, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu s-servizz ta' tutur għal Award Mhux Formali akkreditat **fil-Letteratura Malti u l-Kritika Letterarja (MQF Livell 3).** Il-korsijiet huma mmirati għal studenti tal-10 Sena. Kull kors jingħata online permezz ta' **tnax-il sessjoni ta' siegħa kull waħda bl-użu tal-MS Teams.** It-tutur magħżul għandu jsaħħaħ l-iżvilupp tal-apprezzament letterarju, il-ħiliet ta' kritika prattika, u l-kompetenzi tal-kitba analitika fil-letteratura Maltija. Il-korsijiet se jingħataw bejn Jannar u Mejju 2027. Il-ħinijiet tal-korsijiet ikunu wara l-ħamsa ta' waranofsinhar.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Is-servizz qed jiġi mitlub fuq bażi ta' kuntratt għal servizz.

It-tutur magħżul għandu:

- jippjana, jipprepara, jorganizza u joffri lezzjonijiet online skont l-ispeċifikazzjonijiet approvati tal-kors;
- jipprovdi tagħlim ta' kwalità għolja fil-letteratura Maltija u l-kritika letterarja;
- jipprepara materjali għal-lezzjonijiet, preżentazzjonijiet u riżorsi ta' tagħlim kif meħtieġ;
- jipprovdi feedback dwar ix-xogħol tal-istudenti u jsegwi l-progress tagħhom;
- iżomm rekords ta' attendenza u kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu;
- jipparteċipa fil-proċessi interni ta' monitoraġġ u assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu;
- jgħin lill-istudenti permezz ta' komunikazzjoni u gwida kontinwa matul il-kors;
- isegwi kull politika, proċedura, ħtieġa għall-protezzjoni tal-minuri, u standards stabbiliti mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu;
- jissottometti rapporti, timesheets u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra mitluba mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi żmien stipulat.

Ħlas

It-tuturi jitħallsu €22 għal kull lezzjoni ta' siegħa kull waħda, u €22 kull siegħa għall-preparazzjoni u/jew feedback lill-istudenti, b'siegħa għall-preparazzjoni/feedback allokata għal kull siegħa ta' kuntatt.

Il-ħlas għandu jsir wara s-sottomissjoni tat-timesheet u l-fattura korrispondenti, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni oħra mitluba mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Kriterji ta' Eliġibilità (Riveduti)

L-applikanti irid:

1. Ikollhom Baċellerat rikonoxxut fil-Malti (MQF Livell 6) jew ogħla; JEW grad universitarju rikonoxxut (MQF Livell 6 jew ogħla) li jwassal għall-professjoni ta' għalliem/a, bil-Malti bħala l-qasam prinċipali tal-istudju; u
2. Ikollhom esperjenza ta' almenu **tliet snin** bħala għalliema tal-Malti b'mod partikulari tal-letteratura Maltija u l-kritika letterarja fil-livell sekondarju; u
3. Ikollhom ħiliet ta' livell għoli fil-komunikazzjoni miktuba u mitkellma bil-Malti; u
4. Jippreżentaw ċertifikat validu tal-kondotta; u
5. Ikunu lesti li jsegwu l-politiki, proċeduri u linji gwida kollha maħruġa mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu matul il-perjodu kollu tal-kuntratt.

Tista' tingħata preferenza lill-applikanti li:

- għandhom kwalifiki (fil-livell 7 tal-MQF jew ogħla) fil-Letteratura Maltija jew l-Edukazzjoni;
- għandhom esperjenza fl-għoti ta' programmi ta' tagħlim online.

Spejjeż

Kull spiża b'rabta ma' din l-Espressjoni ta' Interess hija r-responsabbiltà tal-applikanti magħżula. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli għal kwalunkwe spiża li tista' tkun assoċjata mal-preparazzjoni jew is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

Ħtiġijiet ta' Sottomissjoni

L-applikanti jridu jissottomettu:

- ittra li tesprimi l-interess tagħhom;
- CV fil-format Europass Curriculum Vitae;
- kopji ta' kwalifiki u ċertifikati rilevanti;
- ċertifikat validu tal-kondotta;

- dokumentazzjoni li turi esperjenza rilevanti bħala għalliema / tuturi.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu elettronikament fuq nlarecruitment@ilearn.edu.mt sa mhux aktar tard minn nhar **l-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2026, f'nofsinhar.**

Se jiġu kkunsidrati biss applikazzjonijiet kompleti li jaslu sad-data tal-għeluq.

Ftehim

L-applikanti magħżula jingħataw l-inkarigu li joffru s-servizz skont il-ħtiġijiet tal-operat tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u skont il-ħtiġijiet tal-programm akkreditat.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għandha d-dritt li ma tagħżel l-ebda applikant minn din l-Espressjoni ta' Interess u li titlob aktar dokumenti jew kjarifiki, skont il-ħtieġa.

Għal Aktar Informazzjoni

Tista' tikseb aktar informazzjoni dwar din l-Espressjoni ta' Interess billi tibgħat ittra elettronika fuq nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew iċċempel fuq 2598 3325.

Call for Expression of Interest for the Provision of Courses in Maltese Literature and Literary Criticism for Students in Year 10 (revised eligibility criteria)

Expression of Interest (Ref. 26/225-2)

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals, **including retired persons,** to express their interest in providing tutoring services for the accredited **Non-formal Award in Maltese Literature and Literary Criticism (MQF Level 3)**. The courses are aimed at Year 10 students and will each be delivered online through **twelve one-hour synchronous sessions using MS Teams.** The selected tutor/s shall support learners in developing literary appreciation, practical criticism skills, and analytical writing competencies in Maltese literature. The courses will be delivered between January and May 2027. Courses are to be delivered in the afternoons, after 5pm.

Duties and Responsibilities

The service is being requested on a contract-for-service basis.

The selected tutor shall be responsible for:

- planning, preparing, organising and delivering online lessons in accordance with the approved course specification;
- delivering high-quality teaching in Maltese literature and literary criticism;
- preparing lesson materials, presentations, and learning resources as required;
- providing feedback on students' work and monitoring their progress;
- maintaining attendance records and any documentation required by the National Literacy Agency;
- participating in internal monitoring and quality assurance processes established by the Agency;
- supporting students through ongoing communication and guidance during the course;
- adhering to all policies, procedures, safeguarding requirements and standards established by the National Literacy Agency;
- submitting reports, timesheets and any other documentation requested by the Agency within established deadlines.

Remuneration

Tutors shall be remunerated at €22 per hour of lesson delivery and €22 per hour for preparation and/or feedback provision, with one paid preparation/feedback hour allocated for every hour of delivery.

Payment shall be effected upon submission of the appropriate timesheet and invoice, together with any supporting documentation requested by the Agency.

Eligibility Criteria (Revised)

Applicants must:

1. Hold a recognised Bachelor's Degree in Maltese (MQF Level 6) or higher; OR a recognised Teaching Degree with Maltese as the principal/main area of study at MQF Level 6, or higher; AND
2. Have at least **three years' experience** teaching Maltese, particularly Maltese literature and literary criticism, at secondary level; AND
3. Possess strong written and spoken communication skills in Maltese; AND
4. Submit a valid Conduct Certificate; AND
5. Be willing to adhere to all policies, procedures and guidelines issued by the National Literacy Agency throughout the duration of the engagement.

Preference may be given to applicants who:

- possess postgraduate qualifications in Maltese Literature or Education;
- have experience delivering online learning programmes.

Costs

Any expenses incurred by applicants in connection with this Expression of Interest shall be borne entirely by the applicants. The National Literacy Agency shall not be responsible for any costs associated with the preparation or submission of applications.

Submission Requirements

Applicants must submit:

- a letter expressing their interest;
- a Europass Curriculum Vitae;
- copies of relevant qualifications and certificates;
- a valid Conduct Certificate;
- any documentation demonstrating relevant teaching or tutoring experience.

Applications should be submitted electronically to nlarecruitment@ilearn.edu.mt by not later than **Wednesday 2nd December 2026, at noon.**

Only complete applications received by the closing date will be considered.

Agreement

Successful applicants may be engaged according to operational requirements and subject to the needs of the accredited programme.

The National Literacy Agency reserves the right not to appoint any applicant arising from this Expression of Interest and to request further documentation or clarification where deemed necessary.

Further Information

Further information regarding this Expression of Interest may be obtained by contacting nlarecruitment@ilearn.edu.mt or calling 2598 3325.